

Dispożittiv

(1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-20 ta' Ġunju 2012 (Każ R 1845/2011-4), hija annullata sa fejn hija annullat parzjalment id-deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' Oppożizzjoni u ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja Nru 6 375 398 dwar il-"maskri għall-iski" u l-"maskri għas-snowboarding".*

(2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Demon International LC u Big Line Sas di Graziani Lorenzo għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, inklużi dawk esposti quddiem il-Bord tal-Appell.*

(4) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

(¹) ĠU C 331, 27.10.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2014 — dm-drogerie markt vs UASI — Semtee (CALDEA)

(Kawża T-26/13) (¹)

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Talba għal trade mark Komunitarja verbali CALDEA — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti BALEA — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2014/C 93/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: dm-drogerie markt GmbH & Co. KG (Karlsruhe, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Bludovsky, B. Beinert u A. Bender, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Semtee (Escaldes Engornay, Andorra)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-10 ta' Ottubru 2012 (Każ R 2432/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn dm-drogerie markt GmbH & Co. KG u Semtee.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *dm-drogerie markt GmbH & Co. KG hija kkundannata tbatu l-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 86, 23.03.2013.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Jannar 2014 — Romonta vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-614/13 R)

("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr hłas mill-2013 — Talba għal rikonoxximent ta' sitwazzjoni ta' diffikultà eċċessiva — Nuqqas ta' urġenza")

(2014/C 93/40)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Romonta GmbH (Amsdorf, Seegebiet Mansfelder Land, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke, M. Vollmer, C. Telschow u A. Schulze, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. White, C. Hermes u K. Herrmann, aġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448/UE, tal-5 ta' Settembru 2013, dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-alkazzjoni tranżizzjonali mingħajr hłas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 240, p. 27), sa fejn ġiet irrifjutata l-alkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet lir-rikorrenti għal sitwazzjoni ta' diffikultà eċċessiva.

Dispożittiv

(1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

(2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Diċembru 2013 — Deloitte Consulting vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-688/13)

(2014/C 93/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Deloitte Consulting CVBA (Diegem, il-Belġju) (rappreżentanti: K. De hnois u N. Korogiannakis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea